TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 755

KAZ NRU. 803

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Grima

u

Medairco Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 4 ta' Novembru 1996

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 22 ta' Settembru 1993 b'referenza ME 2/93 Vol II/63 skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 13 il-seduta.

Joseph Grima, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Thomas Abela u Medairco Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Godwin Migneco assistit mill-Avukat Ivan Gatt.

Fl-"Statement of Case" il-Kumpanija ikkontendiet li l-appellant kellu "-----track record ta' okkazzjonijiet fejn naqas li jattendi ghax-xoghol minghajr ebda gustifikazzjoni. Barra minn hekk f'diversi okkazzjonijiet kien hebb u insulenta lit-tobba li kienu jmorru jzuruh". Waqt is-smiegh tal-kaz il-Kumpanija ziedet raguni ohra biex tiggustifika t-tkeccija u din li l-appellant kien qed jahdem xoghol privat meta kien irrapporta marid ghax-xoghol tal-Kumpanija.

Fl-"Statement of Case" l-appellant cahad l-allegazzjonijiet tal-Kumpanija, sostna li kull meta naqas mix-xoghol kien hemm raguni valida ta' mard u kkontenda li t-tkeccija tieghu kienet ingusta.

Fic-Certifikat ta' Temm ta' Mpieg (DOL 316) kif ukoll fit-Termination Form (Form B) ta' l-Employment and Training Corporation ir-raguni li nghatat ghat-tkeccija kienet "unjustified absence from work".

Biex issostni li kien hemm raguni valida ghat-tkeccija il-Kumpanija kkontendiet li :

(a) fil-31 ta' Jannar 1992 l-appellant kien irrapporta li hu marid izda t-tabib tal-Kumpanija kien iddikjara li seta' jattendi ghax-xoghol. Huwa f'din ic-cirkostanza kien gie moghti "warning" bil-miktub ;

(b) "f'diversi okkazzjonijiet kien hebb u insulenta lit-tobba li kienu imorru jzuruh". Mid-dokumenti prezentati u waqt it-trattazzjoni tal-kaz issemma incident wiehed biss ta' din in-natura. Jirrezulta li fid-9 ta' Ottubru

1992 meta l-appellant kien irrapporta marid it-tabib mibghut mill-Kumpanija kien kiteb "Has no medical reason for certification". Il-Kumpanija tghid li l-appellant kien indirizza lit-tabib "in an arrogant and threatening manner". L-appellant izda kien irribatta din l-akkuza permezz ta' l-avukat tieghu fejn cahad li kien hedded lit-tabib ghalkemm qallu li kien se jiehu passi ma l-awtoritajiet koncernati minhabba l-attitudni xejn ragonevoli tieghu meta tobba ohra ta' l-istes Medicall Group kienu ccertifikawh mhux tajjeb ghax xoghol. Il-Kumpanija kienet ndikat it-tabib koncernat bhala xhud izda ma sejhitlux biex jixhed.

(c) fit-12 ta' Lulju 1993 l-appellant kien irrapporta marid izda it-tabib tal-Kumpanija ma sabux id-dar meta mar jivistah. L-appellant xehed li kien dam jistenna t-tabib sal-5.30 p.m. u mbaghad mar ghand it-tabib tieghu fl-izpizerija fejn jattendi f'dak il-hin. Fil-fatt kien ipprezenta lill-Kumpanija certifikati minn ghand it-tabib tieghu u minn ghand l-Izpizjar li jikkonfermaw li kien mar hemmhekk. Sussegwentement irrezulta li l-appellant fil-fatt ma kienx tajjeb ghax-xoghol.

(d) wara li l-appellant gie ezaminat minn panel ta' tobba inkarigati mill-Kumpanija dawn iddikjaraw li ma kellu xejn u seta' jattendi regolarment ghx-xoghol. Huma issugerew li ghandu jara lit-tabib Galea Debono biex jaccertaw l-opinjoni u rizultat taghhom u l-Kumpanija hekk informat lill-appellant b'ittra datata 5 ta' Awissu

1993. L-appellant xehed li hu kien talab darbtejn lill-ufficjali tal-Kumpanija fejn ghandu jara lit-tabib Galea Debono izda it-tieni darba qalulu li mhux se jaccettawh lura ghax-xoghol ghax kien irrifjuta li jara t-tabib indikat li kellu jfittxu hu.

Minn dak li sostniet il-Kumpanija fl-erba' paragrafi ta' hawn fuq tista' tigi accettata dik f'paragrafu (a). Dwar dik f'paragrafu (b) ma rrizultax li kien hemm diversi okkazzjonijiet izda wahda biss u din ma gietx ippruvata. Dik f'paragrafu (c) ma gietx pruvata. Dwar dik f'paragrafu (d), ghalkemm l-appellant seta' fittex lit-tabib indikat, it-Tribunal hu tal-fehma li kienet il-Kumpanija li jmissa ghamlet appuntament lit-tabib biex jezamina mpjegat taghha. Fil-fatt irrezulta sussegwentement li l-appellant kien marid fi stat ta' gravita li kellu jaghmel zewg operazzjonijiet, wahda f'kull drigh.

Ghalkemm kien hemm xi nuqqasijiet minn naha ta' l-appellant dawn ma kienux ta' natura li jiggustifikaw tkeccija. It-Tribunal kemm il-darba ghamel enfasi li l-kastig estrem ta' tkeccija ma ghandux jinghata ghajr meta jkun hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jistghu jigu accettati bhala raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Waqt it-trattazjoni tal-kaz il-Kumpanija ressqet raguni ohra biex tiggustifika t-tkeccija - li l-appellant kien qed jahdem meta rrapporta marid. Din la kienet nghatat bhala raguni ghat-tkeccija u anqas ma kienet issemmiet fl-"Statement of Case". Zewg impjegati tal-Kumpanija, Mark Migneco u Marcus

Bonello, xehedu li darba fil-hin tal-Break ta' Nofs in-Nhar sabu lill-appellant, li kien irrapporta marid, jahdem ma Gino Camilleri fid-dar ta' Migneco. L-appellant xehed li hu qatt ma attenda hemmhekk fil-hin tax-xoghol, Gino Camilleri ma kkonfermax din l-allegazzjoni u Marcus Bonello indika z-zmien bhala bejn nofs 1994 u l-ewwel xaghrejn tal-1995 u li zgur ma kienx fl-1993. Fil-fatt l-appellant tkecca fil-25 ta' Awissu 1993. Ghalhekk anke din l-allegazzjoni, ghalkemm ma kienetx raguni moghtija ghat-tkeccija, ma gietx pruvata.

It-Tribunali ezamina d-dokumenti prezentati, qies dak li qalu x-xhieda u kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Isib li, ghalkemm l-appellant kellu xi nuqqasijiet, t-tkeccija ma saretx ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi.

It-Tribunal jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' Lm 850 (tmien mija u hamsin lira Maltin) lill-appellant. Dan il-hlas ghandu jsir f'zewg pagamenti, wiehed ta' Lm 425 mhux aktar tard mill-15 ta' Dicembru 1996 u iehor ta' Lm 425 mhux aktar tard mill-30 ta' Jannar 1997.

Apparti dan l-ammont l-Kumpanija ghandha thallas ukoll l-ammont ta' Lm 357.02 (tlett mija seba u hamsin lira u zewg centezmi) bhala bilanc ta' beneficcji dovuti lill-appellant u li fuqhom it-Tribunal gie nfurmat li ntlahaq ftehim. Dan ghandu jigi kkunsidrat bhala parti ntegra mill-award tat-Tribunal u ghandu jithallas mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 1996.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju